MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 38/2012

**George Abela**

**vs**

**Rosaria u Joseph konjugi Calleja kif ezercenti l-kummerc**
**taht l-isem ta' Faith Garage u**
**b'digriet tat-3 ta' Dicembru 2013**
**l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem**
**Emanuel Calleja, Carlos Calleja, u l-minorenni**
**Magdalene Maria Calleja**
**kif rapprezentata minn ommha Rosaria Calleja**
**bhala eredi tal-konvenut Joseph Calleja li miet**
**fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' George Abela tat-8 ta' Ottubru 2012 mid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-28 ta'

Settembru 2012 li ddecidiet li t-tkeccija mill-impjieg tal-appellant kienet wahda gusta;

Rat ir-risposta tal-appellati li ssottomettew li d-decizjoni tat-Tribunal ghandha tigi konfermata u l-appell michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:
Provi

Illi r-rikorrent xehed li l-principal tieghu ried jibdillu l-kundizzjonijiet tax-xoghol. Minn gimgha ta' seba' (7) t' ijiem ta' tnax (12) – il siegha kuljum, ried inizzlu ghal gimgha ta' sitt (6) ijiem, ta' tnax (12) – il siegha li minnhom jahdem tmien (8) sieghat. Huwa ma kienx jaqbillu finanzjarjament u ma riedx jiffirma l-ebda kuntratt f'dan is-sens.

Joseph Calleja xehed li kien l-imghallem tar-rikorrent. Kien gie spezzjonat mid-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali. Kien gie mitlub li jaghmel certu emendi fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati tieghu.

Conrad Galea ipprepara l-kuntratt fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment pero' r-rikorrent ghazel li ma jiffirmax. Peress li ried jibqa jahdem taht ir-regin antik, kellu jitterminalu l-impjieg.

Jonathan Balzan – xehed li kien ufficjal tad-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali. Kien sarlu rapport mill-istess rikorrent dwar tnaqqis fil-paga. Huwa acceda fuq il-lant tax-xoghol tieghu fejn skopra diversi nuqqasijiet fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu. Huwa ta ordni ta' rettifika inkluz kuntratt bil-miktub tax-xoghol.

Albert Aquilina – ipprepara l-kuntratt li tah Conrad Galea biex jiffirmah l-istess rikorrent.

Konsiderazzjonijiet

Illi din il-kwistjoni qamet meta r-rikorrent mar jaghmel xi verifiki l-Labour Office ghax l-imghallem tieghu kien qed inaqqaslu soma settimanalment biex taghmel tajjeb ghal danni konsegwenzjali wara kollizzjoni. Gie mitlub il-kuntratt tax-xoghol biex jigu ezaminati l-kundizzjoniet tieghu. Jirrizulta li r-rikorrent ma kienx qed jithaddem skond il-ligi mill-imghallem tieghu.

Ix-xhieda ta’ Jonathan Balzan – Spettur fid-Dipartiment tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali hija ferm illuminnanti. Vide xhieda moghtija fis-seduta tas-sittax (16) ta’ Awwissu 2009 u l-hdax (11) ta’ Frar 2011.

Skond l-Art 15 et - tal-Kap 452 il-principal ma jistax inaqqas xejn mill-paga/salarju tal-haddiem tieghu hlief il-mizata tal-assocjazzjoni f’ghaqda sindikali.

Kellu ragun ir-rikorrent jirrikorri il-Labour Office biex jillamenta. Mhux hekk biss, izda t-Tribunal jirrimprovera lil principal talli ghall-impjegat tieghu bhala xufier ma kellux kopertura assikurattiva adagwata u intiza biex tkopri f’xi eventwalita’ ta’ incident. Kien incident li jista’ ikollu kull xufier waqt is-sewqan. Fil-kors tasservizzi minnu prestati lill-imghallem tieghu, haddiem ma ghandux ikun kostrett li jaghmel tajjeb ghal hsara involontarja.

Inoltre l-inkluzjoni ta’ perjodu probatorju – kien kemm kien, ma kienx wiehed lecitu. Ir-rikorrent gja kien fl-impjieg precedentement. Semplicement kien esercizzju ta’ regolarizazzjoni u mhux impjieg gdid.

Il-Hire of Cars or Private Buses Wages Council - Wage Regulation Order – Subsidiary Legislation 452-57 – tistipula l-kundizzjonijiet tax-xoghol ta’ xufier. Kien f’ dan il-kuntratt li r-rikorrent ma accettax iddettami tal-ligi.

Ried jibqa’ jahdem sitt (6) t’ijiem fil-gimgha – tnax (12) – il siegha kuljum u ried jidhol il-Hadd ukoll. Ma riedx jahdem sitta u erbghin (46) siegha ghar-raguni ovvja li l-introjtu jigi kwazi dimezzat.

Apparti dan il-fatt, jibqa’ il-fatt ukoll li r-rikorrent kien wasal ghall-eta’ pensjonabbli.

In vista li l-pensjoni tieghu ai termini tal-Kap 318 tigi kalkolata fuq l-ahjar tlett (3) snin mill-ahhar ghaxar (10) snin, dina kienet tinfluwixxi ferm negattivament fuq il-pensjoni lilu talvolta dovuta. Dana ukoll ma kienx accettabbli ghar-rikorrenti. Dana anki kif konfermat seduta stante tal-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Ottubru 2011. Il-fatt ta’ esistenza o meno ta’ ghoti ta’ overtime hija prerogattiva tal-principal. Ma tistax tigi imposta mill-impjegat fuq l-imghallem.

Illi l-principal kellu ta bilfors jissottometti ruhu ghal ligi u jkun ghad-dettami taghha. Ma kinetx alternattiva diskrezzjonali. Ma kienx permess ghazla la lill-impjegat u lanqas lill-principal. Fin-nuqqas ta’ sottomissjoni unilaterali tar-rikorrent, il-principal ma kellux triq ohra hlief li jitterminalu l-impjieg.

Konkluzjoni

It-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg saret ghal raguni gusta.

Ghal fini ta’ tassazzjoni qed tigi ffissata s-somma ta’ tmenin ewro (€80).

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant kontra din id-decizjoni huma s-segwenti:
1. Ghalkemm it-Tribunal ikkunsidra li l-inkluzjoni ta’ probationary period ta’ sitt xhur fil-kuntratt propost mill-principal ma kienx lecitu billi l-appellant kien ilu fl-impjieg u l-fatt li ma kienx hemm htiega li jsir kuntratt gdid, ikkonkluda li dawn ma kienux ragunijiet gravi bizzejjed biex jiggustifikaw li l-appellant ma jiffirmax il-kuntratt u t-tkeccija titqies gusta;
2. Kienu l-appellati li kienu fi stat ta’ illegalita billi kienu qed inaqqsu mill-paga tal-appellant in relazzjoni ma’ hsara kagonata f’incident ta’ traffiku u kienu qed ihaddmu lill-

appellant sighat aktar mill-minimu li tippermetti l-ligi u jhallsuh bir-rata normali flok bir-rata ta’ overtime kif tiddisponi l-ligi sussidjarja 452.57. Dawn l-irregolaritajiet ma kienux jinnecessitaw kuntratt ta’ impjieg gdid izda li l-principal jirregola l-hlas kif trid il-ligi billi thallas lill-appellant il-paga u l-overtime skond il-ligi. Invece l-kuntratt gdid ta’ xoghol kien ser inaqqas il-hinijiet ta’ xoghol tal-appellant billi jithallas hafna inqas milli kien jahdem qabel. It-Tribunal kien zbaljat meta qal li l-principal kellu bil-fors jissottometti ruhu ghal ligi u d-dettami taghha ghax il-ligi ma kinitx timponi la kuntratt bil-miktub u anqas il-kundizzjonijiet li ried jaghmel il-principal dwar hinijiet izda biss li jkun in regola mal-ligi, u s-sighat zejda oltre l-minimu permessi mill-ligi li kien jahdem l-appellant jitqisu bhala overtime.

Dawn l-aggravji ser jittiehdu flimkien peress illi mehudin separatament ma jaghtux stampa fidila ta’ dak li kkunsidra t-Tribunal dwar il-fatti ta’ din il-vertenza.

Jidher car illi bhala fatt l-appellant kien gia ilu impjegat full time bhala driver mal-appellanti ghal erba snin circa u illi skond il-ligi dan kien jikkostitwixxi kuntratt ta’ xoghol ghal zmien indefinit.

Hu pacifiku wkoll illi l-appellant kien jahdem mat-72 siegha fil-gimgha mifruxa fuq sitt ijiem b’paga fissa. Hu car illi dan l-istat attwali ta’ hlas illi fuqu jidher li kienu kuntenti z-zewg partijiet kien wiehed li ma hux konformi mal-ligi billi skond il-ligi sussidjarja 452.57 Hire of Cars or Private Buses Wages Council Regulation kien jippekka fuq diversi artikoli fosthom artikolu 2(1) cioe l-hin ta’ mistrieh li kien ikollu l-impjegat f’gurnata ta’ xoghol u artikolu 2(2) fejn il-hinijiet statutorji ta’ xufier huma ta’ 46 siegha b’paga minima ta’ €148.80 fil-gimgha u hinijiet oltre l-minimu kellhom jitqiesu overtime skond artikolu 7.

L-illegalita pero li wasslet stranament ghal vertenza kienet it-tnaqqis mill-paga tal-appellant ta’ somma flus fil-gimgha ghal hsarat li l-appellant ikkawza f’vettura tal-appellati konsegwenza ta’ habta. Dan it-tnaqqis wassal ghal ‘complaint’ li ghamel l-appellant mad-Dipartiment tar-

Relazzjonijiet Industrijali u li irrizultat li kienet problema li giet solvuta immedjatament mill-appellat wara l-intervent tad-Dipartiment u li dwarha ma hemm ebda lment f'dawn il-proceduri.

Minn dan l-ilment irrizultaw l-illegalitajiet imsemmija aktar il-fuq u d-Dipartiment talab li l-kwistjoni tigi regolarizzata biex il-kundizzjonijiet ta' xoghol tal-appellant jigu r-regola mal-ligi u dan billi jsir kuntratt ta' impjieg li 'sample' tieghu kien jista' jigi mnizzel mill-website tad-Dipartiment.

L-appellant ma riedx jiffirma dan id-dokument mimli mill-appellati esebit a fol. 96 u 97 tal-process. Ghalkemm waqt il-proceduri jissemmew zewg ragunijiet ta' natura legali mill-appellant, pero qari tax-xiehda juri illi l-ilment tal-appellant li kien f'dan il-ftehim ma kienx hemm ebda garanzija li ser jibqa' jahdem 72 siegha izda biss li ser jahdem il-minimu ta' 46 siegha u l-paga konsegwentement ser tigi ridotta konsiderevolment avolja qabel ma kienx jithallas bir-rata ta' overtime ghas-sighat zejda li kien jahdem. Din kienet il-pern tal-kwistjoni kollha.

It-Tribunal gustament ikkonsidra zewg kwistjonijiet kif sottomess mill-appellant cioe l-probation period msemmi fil-proposta tal-kuntratt tax-xoghol li skond l-istess Tribunal ma kienx lecitu ghax dan kellu jkun esercizzju ta' regolarizzazzjoni tal-kundizzjonijet ta' impjieg u mhux impjieg gdid. Mehuda wahedha dik kienet twassal ghall-akkoljament tat-talba tal-appellant li t-tkeccija bbazata fuq din ir-raguni kienet tkun ingusta.

Pero t-Tribunal hares lejn l-istampa kollha tal-vertenza billi l-kwistjoni dwar il-probation period qajla giet trattata quddiem it-Tribunal, u qies li dan il-ftehim qatt ma seta' jigi konkluz bi u minghajr kitba ghax l-appellant ma riedx jassoggetta ruhu ghal ligi dwar il-paga u hinijiet minimi li l-ligi timponi bhala minimu izda ried li jibqa' jkollu l-istess paga ta' qabel u anzi fis-sottomissjonijiet ta' dan l-appell qed jigi suggerit li seta' inghata l-istess hinijiet ta' qabel bid-differenza li s-sighat zejda oltre l-minimu jigu meqjusa bhala overtime. Ripetutament fix-xiehda tieghu l-appellant jixhed li fuq is-sighat tax-xoghol li skond hu kienu flexible

hours ma kienx ser jaqbel mieghu ghax kien ser jigi nofs paga. Is-silta a fol. 133-134 tal-process mix-xiehda ta' George Abela hi indikattiva hafna:
Dr Joseph Zammit Maempel: Ghidilna xi qralek.

George Abela: Ma rajtx jien. Mhux hekk kif qed taqra inti.

Dr Joseph Zammit Maempel: Bil-memorja, x'qallek?

George Abela: Gib lil Conrad u jghidlek x'qara.

Dr Joseph Zammit Maempel: X'qallek fih Ii hemm differenti?

George Abela: Dak seta' biddlu. Qalli flexible hours, tigi nofs paga.

Dr Joseph Zammit Maempel: Flexible hours ghalik xi tfisser?

George Abela: Iqabbdek x'hin irid. Tliet sieghat filghodu t-tfal ta' I-iskola, tliet sieghat wara nofsinhar imbaghad bil-Iejl.

Dr Joseph Zammit Maempel: Fhimtha int jew qallek Conrad?

George Abela: Hekk hu.

Mr Chairman: Li qallek il-flexible hours kif se jkunu?

George Abela: Nahseb kif qed nghidlek kienu se jkunu zgur ghax diga' konnha tkellimna jien u Conrad.

Dr Joseph Zammit Maempel: Meta gie Conrad id-dar x'qallek li fih dan il-kuntratt?

George Abela: Kif qed nghidlek jien. Flexible hours, nofs paga.

Dr Joseph Zammit Maempel: Qallek 148.80 euros il-basic?

George Abela: Li se nigi nofs paga.

Dr Joseph Zammit Maempel: Staqsejtu kemm hi din in-nofs paga? Ghax qabel int ma stajtx tkun taf kemm hi l-paga ghax kont qed tahdem bl-overtime.

George Abela: Nofs paga.

Dr Joseph Zammit Maempel: Qallek li s-sieghat tax-xoghol se jkunu sitta u erbghin siegha?

George Abela: Iva.

Dr Joseph Zammit Maempel: Qallek li mbaghad l-overtime se jithaddem skond ma trid il-ligi?

George Abela: Imma ma tanix garanzija ghall-overtime lanqas ghax taghmel dawk is-sieghat u tieqaf ghax imbaghad hemm il-partimer.

Dr Joseph Zammit Maempel: Inti ridt jew ma ridtx tnaqqas is-sieghat?

George Abela: Le ghax nonqos mill-paga.

It-Tribunal ikkonsidra dan u wasal ghal konkluzzjoni illi kull parti trid tkun konformi mal-ligi u jekk hemm irregolarita din trid tigi sanata skond il-ligi. Daqskemm l-appellant kellu dritt jibqa' fl-impjieg indefinit, pero daqstant iehor ma setax jimponi fuq il-principal li jhaddmu oltre l-massimu ta' hin normali li taghti l-ligi ghal drivers. Overtime mhux dritt tal-impjegat izda hi fakolta moghtija lil principal li hi fid-diskrezzjoni tal-impjegat li jaccettaha u darba accettata tithallas bir-rati minimi imposti mill-ligi. L-appellant ma setax jenforza favurih dritt li ma kellux cioe jinsisti li jibqa' jahdem bil-paga li kellu ta' circa €250 fil-gimgha tant li jghid fix-xiehda tieghu:
Jien ma tlabtux inaqqasli l-paga. Il-Labour Office ma mortx biex inaqqasli l-paga skuzi. Jien mort ghax naqqasli l-Lm20 mill-paga.

Domanda: Inti ma ffirmajtux il-kuntratt?

Risposta: Ghax kont ser nigi aghar milli kont.

Kwindi hu car illi l-principal irrispetta l-ligi fid-dettami minimi taghha u l-appellant ma kellu ebda jedd jirrifjuta ghal din ir-raguni biss, u t-Tribunal ikkunsidra illi dan ir-rifjut tal-appellant li jikkonforma ruhu ghal regolamentazzjoni tal-impjieg tieghu skond il-ligi u mhux skond l-istat illegali li kien jippersisti kienet raguni valida ghat-terminazzjoni tal-impjieg.

Il-Qorti tqis li l-appellant ma ghandux ragun li jinvoka biss il-kundizzjoni dwar il-probation period bhala raguni ghal terminazzjoni ingusta ghax din ma kinitx il-vera raguni tat-terminazzjoni u anki kieku kellha tinghata piz xorta ma kinitx ser tbiddel is-sitwazzjoni fattwali li l-appellant ma riedx jaddatta ruhu ghal termini ta’ impjieg skond il-ligi avolja finanzarjament sfavorevoli fuq il-karta. Jinghad hekk ghax il-propost ftehim ma jeskludix overtime izda jinghad biss li l-hinijiet fissi normali ta’ impjieg kienu ser ikun il-minimu li tippermetti l-ligi ta’ 46 siegha in konformita mal-ligi. Sostanzjalment ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal kienet wahda sana u gusta fil-ligi billi r-rifjut tal-appellant li jikkonforma ruhu ghal impjieg b’kondizzjonijiet li tippermetti l-ligi qatt ma seta’ jigi gustifikat fic-cirkostanzi sfortunati tal-kaz u cioe li l-istess appellant kien ser jispicca b’paga normali anqas milli kien jippercepixxi qabel ghalkemm dik il-paga ta’ qabel kienet tirrifletti kundizzjonijiet illegali ta’ impjieg. L-appellant qatt ma seta’ jippretendi li jigi garantit sighat ta’ xoghol aktar minn 46 siegha fil-gimgha jew paga oghla mill-minimu tal-ligi u l-principal ma setax jigi kostrett jaccetta li jhallas il-paga li kellu qabel l-appellant ghax dik ir-rabta kienet frott ta’ stat ta’ affari kontra l-ligi u kwindi mhux enforzibbli anki bi ftehim gdid.

L-appell ta’ George Abela ghalhekk ma jimmeritax ezitu favorevoli.

**Decide**

Il-Qorti ghalhekk ghar-ragunijiet moghtija tichad l-appell ta’ George Abela u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-28 ta’ Settembru 2012, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------